**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 01/2014**
***Kienet addottata Aġenda nru. 01/2014***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 8 ta' Lulju 2014**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-ewwel parti tas-seduta s-Sur Frank Fenech.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sur Frank Fenech u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. ĦATRA TA' CHAIRPERSON

Is-Sur Frank Fenech ippropona li s-Sinj. Marija Saliba tibqa' tokkupa l-kariga ta' Chairperson tal-Kumitat. Ġie deċiż li jittieħed vot fuq il-ħatra.

Favur – Marija Saliba, Joseph Zammit u Frank Fenech.

Kontra – Sandra Grech.

Tlett voti favur u vot kontra.

Is-Sinjura Marija Saliba aċċettat li żżomm il-kariga ta' Chairperson.

## 3. ĦATRA TA' DEPUTAT CHAIRPERSON

Is-Sur Frank Fenech wera l-interess li jokkupa l-kariga ta' Deputat Chairperson. Ittieħed vot fuq il-ħatra.

Favur - Frank Fenech, Sandra Grech, Marija Saliba u Joseph Zammit.

Kontra – Ħadd.

Erba' voti favur, xejn kontra.

Is-Sur Frank Fenech aċċetta l-kariga ta' Deputat Chairperson.

Is-Sinjura Saliba waqt li kompliet tippresjedi s-seduta, irringrazzjat lill-membri tal-fiduċja li wrew fiha.

## 4. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

**PROVVISTA U INSTALLAZZJONI TA' DWAL DEKORATTIV FI TRIQ SANTA MARIJA U TRIQ IX-XWEJNI**

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd dwar l-offerta mitfugħa għal kuntratt ta' provvista u installazzjoni ta' dwal dekorattiv fi Triq Santa Marija u Triq ix-Xwejni.

Is-Sur Martin Cefai daħal fil-kamra tal-laqgħat.

Il-Kumitat aċċetta l-offerta ta' Richard Cauchi li kienet l-unika waħda u kienet konformi mar-rekwiżiti tal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-offerta.

## 5. MATERJA OĦRA

**KORRISPONDENZA**

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Korrispondenza mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u l-Ministeru għal Għawdex dwar l-għeluq ta' Triq il-Port u l-Menqa. Kien hemm qbil unanimu li l-Menqa u Triq il-Port jingħalqu għat-traffiku mis-6.00pm sas-1.00am.

Komunikat tal-Ministeru għal Għawdex dwar l-aċċettazzjoni tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-applikazzjoni biex il-Ministeru jingħata finanzjament ta' €100,000 għall-*upgrade* tal-*promenade* tal-Qbajjar.

Ittra ta' Transport Malta dwar *traffic management* propost f' diversi toroq u parkeġġ riservat għall-persuni b' diżabilita` fi Triq il-Qbajjar.

Ġie deċiż li jsir *double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq Barda kantuniera ma Triq il-Qbajjar.

Ittra mibgħuta mill-Korp tal-Pulizija dwar l-attivita` annwali tagħhom li ssir f' Marsalforn.

Ittra mibgħuta anonima dwar tqegħid ta' żibel fi Triq il-Forn kantuniera ma Triq il-Port. Kien miftiehem li jitwaħħlu żewġ sinjali tal-iskart.

Ittra ta' Transport Malta biex il-Kumitat ineħħi l-*parking* minn naħa waħda ta' Triq id-Duluri. Ma kienx hemm qbil u ġie deċiż li minflok isiru *parking bays* fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

Ittra mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-funtana tal-*promenade* tal-Qbajjar.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|---|
| (i) | Ceri Bryans<br>Għal attivita` ta' Rodeo Bull għal diversi ġranet – sajf 2014 fi Triq il-Port. | Approvata – fil-*belvedere* ta' Triq il-Wied. |
| (ii) | Ruth Frau<br>Biex tarma *luna park* mill-25 ta' Lulju sat-30 ta' Awwissu 2014 fil-parti ta' barra tal-*car park.* | Rifjutata. |
| (iii) | Perit Joseph Stellini għan-nom ta' James Said<br>Biex il-*bumping cars* jintramaw mill-kamra tad-drenaġġ il-barra lejn iċ-ċentru ta' Marsalforn. | Approvata. |
| (iv) | Louis Agius – Il-Kaptan Bar & Restaurant<br>Biex jarma tinda quddiem il-Kaptan Restaurant, Misraħ M'Anġ Refalo. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| (v) | Daniel Pace<br>Għal twaqqif ta' posta (*turkish kebabs*)<br>Lulju – Awwissu 2014 fi Triq il-Munġbell. | Approvata. |
| (vi) | Każin Banda Leone<br>Għal programm mużikali 21-22 ta' Lulju '14 fil-Menqa. | Approvata. |
| (vii) | Alexander Axiak<br>Applikazzjonijiet għal provvista temporanja tal-elettriku – għal *hawker* sajf 2014 fi Triq il-Wied. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

**ILMENTI U SUĠĠERIMENTI**

**KAM 21/2014 – Gregory Grech**
Talab biex isir *double yellow line* naħa waħda tal-garaxx tar-residenza 24 fi Triq Santa Marija. Talba approvata mill-Kumitat.

**KAM 22/2014 – John Galea**
Biex isir xogħol ta' traqqiegħ fi Triq il-Qbajjar. Is-Segretarja Eżekuttiva ser tkellem lit-Taqsima tat-Toroq dwar xogħlijiet ta' traqqiegħ f' Marsalforn.

**KAM 23/2014 – Vicky Vella**
Isir ċint ta' żewġ filati tal-konkos u jsir taraġ minflok sellum fil-Bajja ta' Marsalforn, f' dik il-parti li tiġi faċċata tal-BOV. Il-Kumitat approva li jsir it-taraġ.

**KAM 25/2014 – is-Sindku Nicky Saliba**
Għandu diversi lmenti dwar it-tneħħija tal-*bays* riservata għall-persuni b' diżabilita` mill-Menqa.
Ġie deċiż li fi Triq il-Plejju, dik il-parti tat-triq li tiġi taħt Triq ix-Xagħra jsiru l-*parking bays* u waħda minnhom tkun riservata għall-persuni b' diżabilita`.

**KAM 27/2014 – Betty Walker**
Talbet biex isir parkeġġ riservat għall-persuni b' diżabilita` fi Pjazza San Pawl. Ġie deċiż li jsir *bay* riservat fi Pjazza San Pawl kif approvat minn Transport Malta.

Il-Kumitat qabel li:

- jissupplixxi l-konkos għall-bankina ta' Triq Santa Marija u Triq ix-Xwejni, tinħadem bil-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.
- jitwaħħal bank bla dahar fi Triq Ulisse, mal-ġenb tal-ATM.

- nressqu ilment mal-Ministeru għal Għawdex li fuq il-*promenade* ta' Marsalforn m'hemmx bankijiet biżżejjed.

Iċ-Chairperson tkellmet dwar in-nuqqas ta' infurzar mill-Pierre's Restaurant il-ġewwa u diversi dgħajjes imxerrda mat-toroq ta' Marsalforn.

Is-Sindku ppropona li l-i*skips on wheels* ta' Triq il-Qbajjar u l-*bring-in site* ta' Triq il-Forn ikunu trasferiti f' dik il-parti ta' Triq il-Qbajjar faċċata tal-Qolla s-Safra (fejn hemm is-sinjal tal-Bus Stop). Ittieħed vot.

Favur – Sandra Grech

Kontra – Marija Saliba, Joseph Zammit u Martin Cefai

Astensjonijiet – Frank Fenech.

Favur – 1, Kontra – 3, Astensjonijiet – 1.

Il-proposta tas-Sindku ma għaddietx.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***